

REVIŽJONI ANNWALI DWAR IS-SIGURTÀ 2013

Sommarju Eżekuttiv

Ir-Reviżjoni Annwali dwar is-Sigurtà tippreżenta statistiċi dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni Ewropea u fid-dinja kollha

Id-dejta inkluża fir-Reviżjoni tiġi minn varjetà ta' sorsi differenti, u tkopri dejta dwar aċċidenti u inċidenti serji, kif ukoll kontributi minn awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, I-Eurocontrol, I-EUROSTAT, Ascend u I-Grupp ta' Studju dwar I-Indikaturi tas-Sigurtà tal-ICAO. Ir-reviżjoni tkopri I-perjodu 2004-2013, madankollu, meta ma kienx hemm dejta ta' kwalità tajba biżżejjed, I-analiżi ġiet limitata għall-2009-2013.

Bejn I-2004 u I-2013 kien hemm 106 miljun titjira IFR fir-reġjuni ta' informazzjoni dwar it-titjir tal-Istati Membri tal-EASA

Bejn I-2004 u I-2013, kien hemm madwar 106 miljun titjira bir-Regoli tat-Tajran bl-Instrumenti (IFR) fir-reġjuni ta' Informazzjoni dwar it-titjir tal-Istati Membri tal-EASA. Il-Figura 3 turi n-numru ta' titjiriet kull sena. Wieħed jista' jara li n-numru ta' titjiriet għal kull sena stabbilizza, wara tnaqqis bejn I-2009 u I-2010. Kien hemm 10.25 miljun titjira IFR fl-2013, meta mqabbel ma' 11.2 miljuni fl-2008.

Fl-2013, kien hemm 18-il aċċident li involvew Ajruplani tat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru Operati mill-Istati Membri tal-EASA

Fl-2013, ma kienx hemm aċċidenti fatali li kienu jinvolvu l-ajruplani operati minn Stat Membr tal-EASA. Kien hemm biss aċċidenti fatali wieħed f'dawn l-aħħar sentejn, li huwa titjib fuq il-medja ta' 10 snin ta' 2.3 aċċidenti fatali kull sena bejn I-2002-2011. It-18-il aċċident li kienu jinvolvu ajruplani operati minn Stati Membri tal-EASA fl-2013 jirrappreżentaw tnaqqis ta' 46% meta mqabbel mat-33 aċċident fl-2012 u kien 27% inqas mill-medja ta' 10 snin fuq il-perjodu tal-2002-2011 ta' 24.6 aċċidenti kull sena. It-tip ta' aċċident l-iktar komuni huwa "kuntatt mhux normali mar-runway", filwaqt li t-tip l-iktar komuni ta' aċċident fatali huwa "t-telf ta' kontroll fit-tajran".

Id-dejta tal-ħelikopters tat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru tal-2013 turi li kien hemm 7 aċċidenti, li 3 minnhom kienu fatali. It-tip ta' aċċident l-iktar komuni huwa "t-telf ta' kontroll fit-tajran" u huwa wkoll it-tip l-iktar komuni ta' aċċident fatali.

Iċ-ċifri tal-aċċidenti tax-xogħol fl-ajru tal-2013 jirriflettu tnaqqis ta' 12% fl-aċċidenti bl-Ajruplan u tnaqqis ta' 24% fl-aċċidenti bil-ħelikopter meta mqabbla mal-aċċidenti annwali medji mill-2002-2011

B'mod korrispondenti, kien hemm tnaqqis ta' 35% fin-numru ta' aċċidenti fatali bl-ajruplani tax-Xogħol fl-Ajru, filwaqt li n-numri tal-aċċidenti fatali bil-ħelikopters tax-Xogħol fl-Ajru naqsu biss bi 2%. L-imwiet abbord l-ajruplani tax-Xogħol fl-Ajru żidiedu għal 65%, filwaqt li l-imwiet abbord il-ħelikopters tax-Xogħol fl-Ajru żidiedu bi 30%. Għall-ajruplani, I-Ogħla 3 tipi ta' operazzjonijiet tal-aċċidenti fatali involvew tifi tan-nar, stħarriġ mill-ajru u operazzjonijiet tal-fotografija. Waqt li għall-ħelikopters, I-Ogħla 3 kienu l-kostruzzjoni, operazzjonijiet ta' fotografija u oħrajn.

In-numru ta' aċċidenti li kienu jinvolvu ajruplani ħief tal-Avjazzjoni Ġenerali fl-2013 naqas b'10% meta mqabbel mal-medja ta' aċċidenti annwali waqt il-perjodu ta' ħames snin 2008-2012

In-numru ta' aċċidenti fatali naqas b'16%, filwaqt li n-numru ta' mwiet abbord naqas b'21% meta jitqabblu ċ-ċifri tal-2013 bil-medja tat-totali annwali waqt il-perjodu 2008-2012. Id-dejta ta' esponenti mhix disponibbli għat-titjiriet tal-Avjazzjoni Ġeneral, li tagħmel ir-raġunijiet għal dan it-naqqis diffiċċli biex jiġu determinati.

Ħarsa Ġenerali tal-Fatti Princípali tal-2013

Ħarsa Ġenerali lejn in-Numru ta' Aċċidenti tat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru, Aċċidenti Fatali u Mwiet għall-Operaturi tal-Istati Membri tal-EASA


Ajruplani

Perjodu	Numru totali ta' aċċidenti	Numru ta' aċċidenti fatali	Numru ta' Mwiet Abbord	Numru ta' Mwiet fuq l-Art
2002-2011 (Medja)	24.6	2.3	59	0.2
2012	33	1	0	1
2013	18	0	0	0


Ħelikopters

Perjodu	Numru totali ta' aċċidenti	Numru ta' aċċidenti fatali	Numru ta' Mwiet Abbord	Numru ta' Mwiet fuq l-Art
2002-2011 (medja)	12.8	3.4	14.1	0.1
2012	12	2	8	0
2013	7	3	10	1


Numru ta' Aċċidenti Fatali li jinvolvu Ajruplani tat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru Operati minn SM tal-EASA u Pajjiżi Terzi, MTOM ta' iktar minn 2,250 kg, 2004-2013



Numru ta' Aċċidenti Fatali li jinvolvu Ħelikopters tat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru Operati minn SM tal-EASA u Pajjiż Terzi, MTOM ta' iktar minn 2,250 kg, 2004-2013



Proporzjon ta' Aċċidenti fatali skont il-Kategorija tal-Inġenji tal-Ajru – Aċċidenti fi SM tal-EASA li jinvolvu Inġenji tal-Ajru tal-Avjazzjoni Ĝeneralis minn 2,250 kg, 2009 – 2013



Ħarsa Ĝeneralni lejn in-Numru ta' Aċċidenti u Aċċidenti Fatali skont il-Kategorija tal-Inġenji tal-Ajru – L-Inġenji tal-Ajru ta' SM tal-EASA Irreġistrati Kollha inqas minn 2,250 kg MTOM

Kategorija tal-Inġenji tal-Ajru	Perjodu	Numru totali ta' aċċidenti	Numru ta' aċċidenti fatali	Numru ta' mwiet abbord	Numru ta' mwiet fuq l-art
			aċċidenti fatali	mwiet abbord	ta' mwiet fuq l-art
Mongolfjeri	2008-2012(medja kull sena)	11.6	1.0	2.2	0.0
	2013	16	1	1	0
Diriġibbli	2008-2012(medja kull sena)	0.0	0.0	0.0	0.0
	2012	0	0	0	0
Ajruplani	2008-2012(medja kull sena)	478.2	62.8	123.8	1.4
	2013	378	42	82	0
Glajders	2008-2012(medja kull sena)	244.2	31.2	38.8	0.2
	2013	219	20	27	0
Ġiroplani	2008-2012(medja kull sena)	18.6	4.4	5.4	0.2
	2013	17	6	8	0
Ħelikopters	2008-2012(medja kull sena)	54.8	7.8	16.0	0.2
	2013	52	9	16	0
Microlights	2008-2012(medja kull sena)	234.6	42.6	64.4	0.2
	2013	219	40	57	0
Oħrajn	2008-2012(medja kull sena)	10	3.2	3.8	0.0
	2013	30	9	10	0
Motorglajders	2008-2012(medja kull sena)	2.0	0.2	0.4	0.0
	2013	17	1	1	0
Total Medju	2008-2012	1054	153	255	2
Total	2013	948	128	202	0
Bidla (%)	2013 fuq ta' qabel	-10%	-16%	-21%	-100%

Kontenut tar-Reviżjoni

Ir-Reviżjoni Annwali dwar is-Sigurtà għandha l-għan li tkopri l-aspetti kollha tal-avjazzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-EASA. Konsegwentament, id-dokument inqasam fil-kapitoli li ġejjin: Is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Storika, l-Istatistiċi tat-Trasport bl-Ajru fi SM tal-EASA, it-Trasport Kummerċjali bl-Ajru, l-Avjazzjoni Ġenerali, l-Ajrudromi, il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru u r-Repożitorju Ċentrali Ewropew.

Bħall-verżjoni tar-Reviżjoni preċedenti, informazzjoni speċifika relatata mal-attivitajiet dwar is-sigurtà tal-aġġenċja ma għadhiex ipprovduta. Din l-informazzjoni issa hija ppreżentata fil-Pjan tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropew (EASp), li jista' jinstab fuq: <http://easa.europa.eu/sms/>

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Id-dejta tal-aċċidenti ppreżentata hija strettament għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Tinkiseb mill-bażi tad-dejta tal-Aġenċija magħmul minn dejta mill-ICAO, l-Istati Membri tal-EASA, l-Eurocontrol u l-industrija tal-avjazzjoni. Tirrifletti għarfien fiż-żmien li r-rapport ġie ggħġenerat. Filwaqt li ttieħdet kull prekawzjoni fil-preparazzjoni tal-kontenut tar-rapport biex jiġu evitati żabalji, l-Aġenċija ma tagħtix garanzija dwar il-preċiżjoni, il-kompletezza jew l-aġġornament tal-kontenut. L-Aġenċija m'hija se tkun responsabbli mill-ebda tip ta' ħsara jew pretensjoni jew talba oħra li jsiru minħabba dejta żabaljata, insuffiċjenti jew invalida, jew li tirriżulta minn jew li tirrigwarda l-użu, l-ikkuppjar jew il-wiri tal-kontenut, sal-limitu permess mil-ligħejiet Ewropej u nazzjonali. L-informazzjoni li fih ir-rapport m'għandhiex tīgħi interpretata bħala avviż legali.

Ringrażżjamenti

L-awturi jixtiequ jirrikonox Xu l-kontribut magħmul mill-Istati Membri u l-Eurocontrol biex jirringrazzjawhom għall-appoġġ tagħhom fit-twettiq ta' dan ix-xogħol u fil-preparazzjoni ta' dan ir-rapport.